IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru29 (disgħa u għoxrin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar il-Ġimgħa 08 ta' Jannar, 2021, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**29.1. Item Nru 29.1 fuq l-Aġenda –**
**Proġett Residenzjali u Kummerċjali ta' Triq Wied Glavan/Dawret ix-Xatt**

Is-Sindku beda biex qal li l-applikazzjoni originali kienet tinkorpora 15 il sular u issa tnaqqset għa 12 il sular pero l-għoli f'termini ta' metri huwa dak daqs 10 sulari.

Skond il-Perit l-għoli qiegħed tajjeb u l-FAR applikabbli għal pajjiż kollu. Fix-Xgħajra jista jigi meqjus bħala Medium rise building u skond certu kundizzjonijiet.

Is-sit irid ikun dak ta' iktar minn 4000 metri kwadri

Is-sit irid ikun imdawwar b'erba' toroq

Mis-sit iridu jħallu 50% bħala spazju pubbliku

Il-parti l-mibnija trid tkun sa 10 sular

Is-Sindku kompla u qal li la xorta ser jinbena kullimkien 5 sulari jew aktar hu jippreferi jkun hemm 12 il sular u mbghad nofs is-sit ikun pubbliku.

Is-Sur Raymond Camilleri qal li aħna fil-bidu konna mingħalina li dik l-art hija ODZ u għalhekk ridna nagħmlu l-oġġezzjoni imbgħad sirna nafu li mhux ODZ. Għalhekk spiċċajna b'żewġ opzjonijiet li huma jew jinbena 5 sulari jew aktar kullimkien jew jinbena 50% u 50% jibqa għal pubbliku. Is-Sur Camilleri kompla u qal li l-investituri lesti jagħmlu tajjeb għal affarijiet oħra fix-Xgħajra bħal ngħidu aħna il-pitch tal-boċċi jew jirranġaw il-banju pero dawk huma affarijiet li wieħed irid jiddiskutihom.

Is-Sur Anthony Valvo qal li fuq din l-applikazzjoni hemm 26 oġġezzjoni forsthom tal-Kunsill. Għalhekk jekk inwaqqgħu l-oġġezzjoni tal-Kunsill ma jkollnix kontroll fuq l-oġġezzjonijiet l-oħra.

Is-Sa. Doris Borg enfasizzat li r-residenti għandhom jiġu mgħarrfa għaliex dan il-proġett ser jolqot lix-Xgħajra kollha u mhux biss li dawk li joqod hemm biss. Is-Sindku qal li din m'hemmx x'tispjega għaliex la l-art tinsab f'zona ta' żvilupp mhux possibbli noġġezzjonaw għalhekk imbgħad japplikaw il-policies tal-Planning Authority.

Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet ghaliex din il-pressure kollha u hi taqbel mas-Sinjuri Doris Borg li qabel issir xi deċiżjoni issir laqgħa mar-residenti u nfemuhom. Hi kompliet li hi diga tkellmet ma' xi nies pero jixtiequ aktar informazzjoni.

Is-Sur Raymond Caruana staqsa lil Rosabelle jekk qaltilhomx b'dak li tkellem il-Kunsill igifieri li jew jibnu l-Art kollha b'5 jew 7 sulari jew jibnu fuq 50% tal-art u jgħollu skond l-FAR.

Is-Sur Neil qal li mela jekk filkas issir laqgħa lir-residenti taħt il-bandli bil-mizuri kollha tal-COVID-19.

Is-Sa. Pulis hawn qablet.

Is-Sur Valvo qal pero li din suppost nitolbu lil Planning Authority biex taghmel consultation meeting hi u mhux il-Kunsill. U kulħadd qabel li jsir hekk.

Il-laqgħa intemmet fit-8.10pm.

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |